**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 72 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Zammit**

Illum, 13 ta' Ottubru 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Clint Zammit, detenur tal-Karta tal-identita Maltija Numru: 324583 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Inqast li taghti lil Mary Claire Aquilina, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u / jew martek, fi zmien hmista-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma. (Kap 9, Art. 338 (z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Marzu, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 12 (2) u 338 (z) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clint Zammit minnhu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza fejn sabet lill-esponent hati ta' ksur tal-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 u fl-eventwalita li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena.

Rat illi l-**<u>aggravji</u>** huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti, bir-rispett, kienet skorretta meta sabet htija taht l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9 stante illi mill-provi ma kienet tirrizulta ebda reita taht l-Artikolu 338(z) tal-Kap 9.

Illi dan qieghed jinghad stante illi din hija kwistjoni matematika u matematikament, l-esponent qatt ma naqas milli jitrasferixxi l-manteniment lil Mary Claire Aquilina.

Illi wara li nghata digriet pendente lite datat il-5 ta' Gunju 2018 u effettiv mit-8 ta' Mejju 2018, sabiex ihallas l-ammont ta' erba' mija u hamsin Ewro (€450) kull erba' gimghat, l-esponent dejjem ottempora ruhu mal-istess digriet.

Illi s-sussegwenti trasferimenti bdew isiru kull erba' gimghat u dan b'mod puntwali ghall-ahhar u dan il-fatt qatt ma gie ikkontestat.

Illi l-ahhar trasferiment bankarju li ghamel l-esponent qabel is-seduta quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-14 ta' Frar 2019, kien proprju nhar il-5 ta' Frar 2019 bit-trasferiment sussegwenti kellu jkun nhar il-5 ta' Marzu 2019.

Illi peress li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 sar verbal fejn il-partijiet qablu li l-manteniment fl-ammont ta' erba' mija u hamxin ewro (€450) kellu jibda jsir kull xahar, fl-ahhar jum tax-xahar, l-esponent ma wettaqx it-trasferiment bankarju nhar il-5 ta' Marzu 2019, izda minflok ghamlu nhar il-31 ta' Marzu 2019, hekk kif ordnat bil-verbal tal-Onorabbli Qorti.

Illi l-esponent gie akkuzat u sussegwentament instab hati mill-ewwel Qorti, talli ghax-xahar ta' Marzu 2019 fil-Gzejjer Maltin, naqas li jaghti manteniment lil Mary Claire Aquilina u abbazi tal-fatt illi ma sarux trasferimenti bejn il-5 ta' Frar 2019 u l-31 ta' Marzu 2019.

Illi b'kull rispett, li kieku l-esponent ghamel trasferiment iehor fit-28 ta' Frar 2019, kien ikun qieghed ihallas manteniment doppju fix-xahar ta' Frar 2019, u dan meta il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li minflok jibda jithallas il-manteniment kull erba' gimghat, ghandu jibda jithallas kull xahar, bil-konsegwenza naturali u matematika, li minflok ser ikun hemm tlettax (13)-il pagament, ser jibda jkun hemm tnax (12), bid-diskrepanza tkun ghaldaqstant a favur l-esponent. Kien f'din it-transizzjoni illi ghalhekk jidher li ma sarx pagament f'Marzu 2019 u zgur illi mhux b'xi tip ta' nuqqas da parti tal-esponent.

Illi bir-rispett, il-fatt illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma stipulatx u ma kjarifikatx kif ser issir din it-transizzjoni, ma jfissirx illi l-esponent naqas mill-obbligi tieghu u wisq inqas jista' jigi ravvisat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 338(z).
Illi fis-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** nhar id-9 ta' Lulju, 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti din l-Onorabbli Qorta ghamlita cara illi:

*"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skruplozament."*

Illi inoltre qatt ma gie stipulat jekk il-pagamenti humhiex bil-quddiem jew b'lura u ghal din ir-raguni biss ukoll ma jistax l-esponent jinstab hati talli ma hallasx il-manteniment ghax-xahar ta' Marzu 2019.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji fuq il-mertu, il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva. Illi dana qieghed jinghad anke ghaliex:

(i) L-ewwel Qorti kkundannat lill-esponent ghall-ghola piena ravvisata fl-Artikolu 7(2) tal-Kap 9 meta kkundannatu ghal detenzjoni effettiva u dan meta huwa car u manifest illi ma kien hemm ebda intenzjoni da

parti tal-esponent li jonqos milli jaqdi l-obbligi tieghu u inoltre meta din kienet l-ewwel darba illi l-esponent qieghed jigi akkuzat b'dan in-nuqqas.

(ii) L-ewwel Qorti, wara li rat illi l-piena massima ta' detenzjoni stipulata fl-Artikolu 12(2) tal-Kap 9 hija dik ta' xaharejn, ikkundannat lill-esponent ghal xahar detenzjoni. Fis-sentenza datata s-6 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tarquin Vella</u>** (Appell Kriminali Numru 432/2014), din l-Onorabbli Qorti ppreseduta minn l-Onor. Imhallef David Scicluna, fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment minn Awwissu sa Dicembru, instab hati ta' dan u ma kkontestax l-istess htija, ukoll irriformat is-sentenza appellata u filwaqt illi kkonfermata ghal dik li hi htija, irrevokata in kwantu kkundannatu xahrejn priġunerija u minflok ikkundannatu xahar detenzjoni.

(iii) Fil-kuntest tal-Artikolu 338(z) li ukoll jistipula l-piena ghal min hu ricediv b'detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn ewro (€200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn. L-appellant la huwa recidiv u wisq anqas gie akkuzat li huwa recidiv.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **WPS 41 E Rizzo** fejn iddikjarat li nahr l-20 ta' Marzu, 2019 wara li kienet xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla, Mare Claire Aquilina detentrici tal-karta ta' identita numru 160385(M) rraportat l-ghassa sabiex tghamel rapport fil-konfront ta' missier it-tfal taghha u cioe fil-konfront tal-appellant dan ghaliex naqas li itiha l-manteniment ghall-uliedhom tax-xahar ta' Marzu 2019.

Il-kwerelant stqarret li skond id-digriet mahrug mill-Qorti bin-numru 1442/17 mahrug mill-Imhallef Robert Mangion datat 5 ta' Gunju, 2018, il-Qorti ordnat lil Clint Zammit sabiex b'effett mit-8 ta' Mejju, 2018 ihallas lil Mary Claire Zammit

pendente lite ghaz-zewg minuri Nicole u Tyle s-somma ta' €450 li jinkludu spejjez t'edukazzjoni u sahha u dan kul erba' gimghat.

Il-pulizija ghamlu kuntatt ma Cllint Zammit fuq il-linja tal-mobile tieghu fejn dan gie infurmat b'dan ir-rapport u kif ukoll gie infurmat biex jirraporta gewwa l-ghassa ta ' Bormla.

Nhar is-27 ta' Marzu 2019 gie mitkellem l-appellant fejn qabel ma gie mitlub jaghti l versjoni tieghu hija infurmatu bid-drittijiet tieghu fosthom li jikkonsulta ma l-avukat ta' fiducja tieghu fejn min naha tieghu ghazel li jezercita minn dan id-dritt fejn tkellem ma Dr Sarah Mifsud.

L-appellant stqarr li nhar l-14 ta Frar 2019 sar xi ftehim quddiem l-imhallef Antonio Mizzi sabiex il-manteniment jibda jinghata kul l-ahhar gurnata tax-xahar mit-28 ta' Marzu 2019. Huwa zied li huwa gie mitlub biex jghamel hekk mill-Imhallef stess dan ghaliex jekk huwa kien ser jaghti l-manteiment lil Mary Claire Aquilina skond id-digriet l-antik huwa kien ser ikun hallas zewg manteniment f'xahar wiehed.

**Mary Claire Aquilina** xehdet nhar l-1 ta' Settembru, 2020 quddiem din il-Qorti stante li x-xhieda taghha li inghatat minnha quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta. Din sstqarret li kellha relazzjoni mal-appellant li damet ghaxar snin u minn din ir-relazzjoni kellhom zewgt itfal. Nicole li illum ghandha erbatx-il sena u Tyler li illum ghandu tmien snin . Qalet li din ir-realazzjoni intemmet sitt snin ilu. Ikkonfermat li kienet dehret quddiem il-Qorti tal-Familja u inghatat digriet fejn l-appellant gie ordnat ihallasha is-somma ta' €450 fix-xahar ghat-tfal. Tghid pero' li f'Marzu 2019 l-appellant ma hallashiex il-manteniment dovut. Ikkonfermat li l-appellant baqa' ihallasha il-manteniment dovut salv ghal dak ix-xaghar. Mistoqsija jekk tridx tieqaf b'dawk il-proceduri wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija ghaliex l-appellant ma hallashiex manteniment ghax-xaghar ta' Marzu tghid li ma tafx r raguni u l-appellant ma tahiex raguni.

IL-Qorti rat id-dokumenti esebiti fl-atii u appuntu id-digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja numru 1442/17 datat 5 ta' Gunju 2018 esebit fl-atti a fol. 24 fejn jirrizulta li l-appellant gie ordnat ihallas mantemient fl-ammont ta' €450 lill-kwerelanti b'effett mit-8 ta Mejju 2018 u li dan ghandu jizdied kul sena.

IL-Qorti rat ukoll id-digriet mahrug mill-Qorti tal-Familja numru 176/18 datat 10 ta' April, 2019 esebit fl-atti a fol. 9 fejn jirrizulta li gie konfermat li l-appellant ghandu ihallas mantemient fl-ammont ta' €450 lill-kwerelanti u dan ghandu jizdied skond id-digriet tat-8 ta Mejju 2018 kul sena.

Rat kif din il-Qorti ordnat ex ufficcio fis-seduta tal-1 ta Settembru 2020 li ghandha tisma lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta biex tispjega jekk fil-kont bankarju tal-kwerelant numru 40025372498 l-kwerelant ircevietx dan il-manteniment dovut u ghakhekk giet mitluba taghmel dan l-esercizzju partikolarment ghax xhur ta' April sa Gunju 2019.

Semghet lil **Joanne Bartolo** tixhed ghan nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta u dan fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2020. Din kkonfermat li kien hemm tlett pagamenti li saru b internet banking mill-kont tal-appellant ghal kont tal-kwerelanti u cioe fl-1 ta April 2019, fit-2 ta' Mejju 2019 u fl-1 ta' Gunju 2019 kif indikat fl-istatment prezentat minnha seduta stante Dok JB. Jirrizulta ukoll mill-istatment tal-kwerelant dokMC A esebit fl-atti a fol. 6 datat l-1 ta' Jannar 2019 sal 4 ta' April 2019 li l-kwerelant irceviet pagament ta' €450 minghand l-appellant nhar it-8 ta' Jannar, 2019, fis-6 ta' Frar 2019 u fl-1 ta' April 2019.

B'hekk minn dawn iz-zewg pagamenti jirrizulta b'mod assolut li l-kwerelanti irceviet is-segwenti pagamenti u cioe :

- Fit-8 ta' Jannar 2019
- Fis-6 ta' Frar 2019
- Fl-1 ta' April 2019.
- fit-2 ta' Mejju 2019

- Fl-1 ta' Gunju 2019.

L-appellant jghid fir-rikors tal-appell tieghu li l-pagament kellu jibda jsir fl-ahhar jum ta-xahar, l-esponenti ma wettaqx it-trasferiment bankarju nhar il-5 ta' Marzu 2019 izda minflok ghamlu nhar il-31 ta' Marzu 2019.

Illi mill-atti pero' jirrizulta differenti u dan ghaliex fil-fatt il-hlasijiet qed isiru fil - bidu ta' kul xahar u ghalhekk xorta jibqa' li fix-xahar ta' Marzu 2019 ma sar l-ebda pagament u ghalhekk dak li sstqarret bil-gurament l-kwerelanti li ma ircevietx l-manteniment dovut ghax- xahar ta 'Marzu 2019 huwa veritier.

Il-Qorti ghalhekk qeda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu.

Dwar il-piena l-Qorti rat li l-appellant ghandu fedina penali netta minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghakhekk ghandu jigi trattat bhala 'a first time offender' pero' din il Qorti tghamilha cara li hija taborri dawn it tipi ta' kawzi u dan ghaliex ghalkemm jista jkun hemm xi battibekki bejn il- genituri dan ma ghandu QATT jafftttwa il-benessere tal-ulied u f'dan il-kaz il-manteniment dovut kien proprju ghall- ulied minuri tal partijiet, Izda min naha l-ohra il-Qorti thoss li ghandha tikkreja bilanc meta hija tigi biex timponi piena meta ssib htija li tkun wahda proporzjonali. Peress li din hija l-ewwel darba li l-appellant qed jinstab hati ta' akkuza u di piu ta' akkuza ta' din in- natura thoss li piena ta' xahar detenzjoni hija wahda eccessiva. Konsegwentement din il Qorti qeda tvarja il piena imposta.

Il Qorti ghalhekk qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-mertu u cioe li qed issib lill-appellant hati tal- akkuza kif dedotta kontra tieghu u qed tilqa' l-appell tal-appellant ghall-varjazzjoni tal-piena b'dan illi minflok ix-xahar detenzjoni qeda tikkundannah ihallas ammenda ta' €56.

IL-Qorti tixtieq li f'kaz bhala dan tkun tista' taghti Ordni għall-ħlas tad-dannu soffert mill-kwerelanti pero'' tinnota li dan ma mhux possibli stante li l-artikolu 532AA tal-

kodici Kriminali jipprovdi li *"Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt."*. F'dan il-kaz l-appellant qed jinstab hati ta' kontravenzjoni.

**Din il-Qorti ghalhekk qeda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Onorevoli Minstru tal-Gustizzja sabiex jiehu hsieb li jara li tali disposizjoni tal-ligi kif fuq riferuta tibda tapplika ukoll f' kaz ta' sejba ta' htija ta' kontravenzjoni peress li hemm kazijiet fejn l-ammont ta' manteniment dovut jista' jkun wiehed konsiderevoli. Ghandu jkun hemm ukoll provediment li jekk dak ordnat mill-Qorti f'dan ir-rigward ma jigix segwit dak li jkun jiffaccja proceduri ghad-disprezz lejn l- Awwtorita' tal–Qorti.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur